**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**
**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 1807/2024**

**Il-Pulizja**
**Vs**
**Annunziato Mizzi**

**Illum, 5 ta' Settembru,2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Annunziato Mizzi** detenur tal-karta tal-identita Maltija **521366M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Saq bi traskuragni
2. Saq b'nuqqas ta' kont
3. Saq meta ma' kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba alkohol jew droga
4. Saq jew kellu kontroll ta' vettura bil-magna meta kien that l-effett ta' xorb jew droga;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-16 ta' April 2024, filwaqt li lliberat lill-imputat mit-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli relevanti tal-ligi ossia' l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65, (sewqan b'mod traskurat), l-Art. 15A(1), l-Art 15B(1), l-Art. 15H u l-Art. 15I(a)(i) sabet lill-imputat hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih u kkundannatu jhallas multa fl-ammont totali ta' elf u tmien mitt euro (€1,800). B'zieda mal-piena l-Qorti applikat d-

dispozizzjoni tal-Art. 15(3) u l-Art. 15H(2) tal-Kap. 65 u skwalifikat lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Annunziato Mizzi prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-23 ta' April 2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata b'mod li l-appellant jiġi liberat minn l-akkuzi dedotti kontra tieghu;

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

1. Illi fl-ewwel lok ma' ngabitx il-prova tal-kalibrazzjoni tal-equipment tal-makkinarju li bih sar it-test u dana minkejja li fir-ricevuta esebita hemm indikat data ta' meta suppost sar il-kalibrar tal-apparat. Data li ma' giet kkonfermata minn hadd u kwindi l-Qorti ma' ghandhiex il- prova li l-apparat relattiv kien kkalibrat b'mod u manjiera li jaghti qari korrett;

2. Illi ma' dana l-umli rikors l-esponenti qed jesebixxi l-inkartament ta' l- akkuzi u l- affidavits li gie notifikat bihom hu. Illi l-affidavits huma fotokopja. Illi fotokopji ma' humiex ammissibli bhala prova u meta l- esponenti ssolleva dan l-punt, l-Ewwel Qorti, sfortunatament bil- kemm ma' hadithiex kontra l-appellant ghaliex indikat li minhabba fi pratticita din id-difiza ma' kienitx wahda tajba. Illi b'kull rispett lejn l- Ewwel Qorti l-Ligi ma' tghidx li biex il-Prosekutur jiffranka li jaghmel xogholu billi jinnotifika affidavit validu jista jiehu fotokopja kif qed tghid l-Ewwel Qorti. Illi l- Qorti kellha, tordna li l-affidavits notifikati lid-difiza jigu ordnati invalidi u imbaghad jibqa in diskussjoni fuq xi prova l-Qorti kellha toqghod fuqha o meno. Illi l-esponenti iqis li la darba lilu tawh affidavits inammissibli, dawk fl-original esebiti lill-Qorti kellhom jinghataw biss valur probatorju b'mod li l-Qorti ma' setghetx ssib htija a bazi taghhom;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-każ.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw il-kawża u dan fis-seduta tal- 11 ta' Lulju 2024.

**Ikkunsidrat,**

Din il-Qorti hija Qorti ta 'revizjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u għalhekk ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Kif ritenut fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizja vs Julian Genovese**:[1]

> *"Hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta din il-Qorti (kemm fil-kaz ta appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll filkaz ta appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghallkonkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni*
>
> (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appelli Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[2]" [12.5.1994]; "**Ir-Repubblika ta 'Malta vs. George**

[1] Appell Numru 141/2008 deciz nhar il-31 ta' Lulju, 2008.
[2] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta 'Mejju, 1994.

**Azzopardi**[3]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[4]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[5]" [31.5.1991] u ohrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi għal dak li ngħad minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawza "**R. v. Cooper**[6]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968)

> *assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury s verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[7]

Jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, diment li ma jkunx hemm raġuni valida. L-appellant jista ' ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti, madanakollu dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Fl-affidavit tiegħu **PC136 Glen Spagnol**[8] jgħid illi nhar l-24 ta' Jannar tas-sena 2023, għall-ħabta tal-00:23, waqt li kien fuq ronda fi Triq San Dwardu fil-Birgu innota vettura tal-għamla Peugeot bin-numru ta' reġistrazzjoni AGV-368 li kienet qed isserrep. Huwa avviċina is-sewwieq ta' din il-vettura li rriżulta li kien l-imputat *qua* appellant Annunziato Mizzi, u fuq suspett li kien qiegħed isuq taħt l-effett tal-alkoħol, talab l-assistenza ta' PS 2366 Jessica Degiorgio.

---

[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta 'Frar, 1989.
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta 'Mejju, 1991.
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta 'Mejju, 1991.
[6] [1969] 1 QB 276.
[7] Ara wkoll Blackstone's Criminal Practice (1991), p. 1392.
[8] fol. 2

**PS 2366 Jessica Degiorgio**[9] fl-affidavit tagħha meħud fl-20 ta' Marzu 2023 tgħid illi nhar l-24 ta' Jannar 2023 hija kienet xogħol ġewwa l-għassa ta' Bormla u għall-ħabta tal-00:23 ġiet mitluba minn PC136 Glen Spagnol sabiex tirrikorri fi Triq San Dwardu fil-Birgu, għaliex waqt ronda li dan kien qed jagħmel innota vettura tal-għamla Peugeot bin-numru ta' reġistrazzjoni AGC 368 li kienet qed isserrep u għalhekk ix-xufier ġie mwaqqaf u avviċinat minn PC136. Tgħid li meta rrikorriet fuq il-post hija nnutat li l-imputat *qua* appellant kien qed iħawwad fid-diskors, ma kienx qed jinftiehem u kien hemm riħa qawwija ta' xorb. Tgħid li kienet hi li għarfet lill- imputat *qua* appellant li kien se jsirlu test tal-kampjun tan-nifs, u dan ingħata d-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu, liema dritt irrifjuta, kif indikat ukoll fid-dikjarazzjoni minnu ffirmata.

Jirriżulta li d-dikjarazzjoni ffirmata mill-imputat qua appellant ġiet iffirmata fil-ħin tal-00:12 tal-24 ta' Januar 2023[10];

L-appellant ngħata kopja tal-irċevuta maħruġa mill-Pulizija, rappreżentanti r-riżultat tat-test tan-nifs. Skont ir-riżultat tal-imsemmi test, kien hemm proporzjon ta' alkoħol fin-nifs ekwivalenti għal 061.0 mikrogrammi f'mitt millilitru ta' nifs u kwindi iktar għoli mill-limitu preskritt mill-Liġi. Jirriżulta li l-irċevuta li ġiet eżebita fil-busta a fol 4A tal-proċess fiha l-ħin ta' meta sar it-test indikat bħala 00:23:27. Illi jirriżulta mill-irċevuta illi ngħata l-imputat *qua* appellant illi l-aħħar kallibrar tal-istrument sar propju fit-3 ta' Novembru tas-sena 2022[11];

Huwa minnu li mill-provi prodotti jirriżulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni illi hemm diskrepanza bejn il-ħinijiet indikati fl-affidavit tal-Pulizija (00:23), dak fuq it-test (00:23:27) u d-dikjarazzjoni ffirmata mill-imputat qua appellant (00:12). Tant li jirriżulta dubju raġonevoli jekk t-test tan-nifs in kwistjoni ttieħidx verament fil-ħin indikat fl-irċevuta li esebiet il-Prosekuzzjoni bħala prova tal-livell ta' alkoħol fin-nifs tal-imputat appellant. Ma ttelgħet l-ebda prova xjentifika jew oħra sabiex tiġi spjegata din id-diskrepanza fil-ħin bejn il-ħin li huwa indikat fuq l-irċevuta bħala l-ħin li fih kien

[9] fol. 3
[10] fol. 6
[11] fol. 9

qiegħed jaqra l-apparat utilizzat għall-kejl tal-alkoħol fin-nifs tal-appellant mal-ħin li x-xhieda ħajjin qalu li fil-fatt seħħ dan it-test.

Illi ġaladarba tirriżulta din id-diskrepanza bejn il-ħin tat-test mistqarr mix-xhieda u dak indikat mill-irċevuta rilaxxjata mill-apparat, l-appellant, bir-raġun, jistaqsi liema minn din l-evidenza kienet tista' tistrieħ fuqha Qorti ta' Ġustizzja Kriminali f'dan il-każ biex issib ħtija fl-appellant: ġaladarba din l-evidenza kienet konfliġġenti.

Filwaqt illi din il-Qorti tirrikonoxxi illi l-ikkalibrar ta' strument jista' ikun impreċiż, huwa mistenni li xiehda tal-Prosekuzzjoni taqbel mar-riżultanzi tal-istrument approvat. Kuntrarjament hawnhekk tqajjem dubju raġjonevoli mix-xiehda imresqa mill-Prosekuzzjoni stess dwar kemm l-istrument approvat kien regolat u kalibrat b'mod korrett, u għalhekk per konsegwenza inħoloq dubju dwar kemm kienet attendibbli u affidabbli din il-prova tal-livell tal-alkoħol fin-nifs tal-appellant.

Illi kif qalet din il-Qorti fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Adrian Spiteri</u>**[12]

> *13. In kwantu dan huwa proċess kriminali, Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tista' ssib ħtija biss jekk tkun konvinta lil hinn minn dubju dettat mir-raġuni fuq provi li jistgħu jwasluha sa' dak il-grad ta' konvinċiment morali. Din il-Qorti tifhem li kemm il-memorja tal-bniedem kif ukoll ikkalibrar ta' strument jistgħu ikunu impreċiżi. F'dan il-każ ix-xiehda tal-Prosekuzzjoni kienet mistennija li tkun taqbel mar-riżultanzi tal-istrument approvat. Iżda ġara li inħoloq dubju raġjonevoli mix-xiehda imresqa mill-Prosekuzzjoni stess dwar kemm l-istrument approvat kien regolat u kalibrat b'mod korrett.*
>
> *13. Din il-Qorti taqbel li d-Difiża irnexxielha toħloq dubju raġjonevoli dwar kemm kienet attendibbli u affidabbli din il-prova tal-livell tal-alkoħol fin-nifs tal-appellant. Jiġi ċċarat li din il-Qorti taqbel mal-argument tal-appellant fir-rigward tan-nuqqas ta attendibilita tat-test tan-nifs* ***bħala l-prova tal-livell tal-alkoħol fin-nifs tiegħu fis-sens li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma***

[12] Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża fit-30 ta 'Marzu 2021

***setgħetx legalment u raġonevolment tistrieh fuq dawk ir-riżultanzi sabiex issib ħtija fir-rigward tat-tieni imputazzjoni – li tiddependi fuq il-prova preċiża u sikura lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni tal-livell tal-alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien iżjed mill-limitu preskritt.***[13]

**14.** *Mill-banda l-oħra, dan ma jfissirx li, fl-assjem tal-provi miġjuba quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx xorta waħda tqis li* ***l-appellant kien fi stat ta sokor meta seħħ dan l-inċident għall-fini tal-ewwel imputazzjoni****.*

*15. Ir-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni huwa dak li jinkwadra ruħu fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u jippreskrivi s-segwenti:*

> *(1) Ebda persuna ma għandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fi triq jew f'post pubbliku ieħor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi.*
>
> *(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li mhiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapacita' tagħha li ssuq sew tkun għal xi ħin imnaqqsa*

*16. It-tieni imputazzjoni hija mill-banda l-oħra ibbażata fuq l-Artikolu 15B(1) tal-imsemmija Liġi u tippreskrivi s-segwenti:*
*(1) Ebda persuna m għandha ssuq, tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f post pubbliku ieħor wara li tkun ikkunsmat tant alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkun iżjed mil-limitu preskritt.*

*17. Dawn iż-żewġ reati, għalkemm simili fil-finalita tagħhom huma differenti fir-rigward tal-elementi kostituttivi tagħhom. Is-sejbien taħ 'tija fit-tieni*

[13] enfasi tal-Qorti.

*imputazzjoni tiddependi fuq il-prova xjentifika ta kejl speċifiku riżultanti mill-użu ta proċess tekniku, bl-użu ta strument approvat jew eżami xjentifiku li jkun juri lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni l-livell ta alcoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkunx fil-limitu preskritt o meno.*

*18. Mill-banda l-oħra l-Artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta Malta - kuntrarjument għall-Artikolu 15B tal-istess - **ma jeħtieġx**[14] li tiġi stabbilita bi preċiżjoni xjentifika xi kwantita ta xorb alkoħoliku fin-nifs, fid-demm jew fl-urina ta sewwieq li jkollu l-kontroll ta vettura bil-mutur. B hekk Qorti ta Ġustizzja Kriminali tista tiddeduċi li sewwieq ikun f kundizzjoni ta sokor anke minn provi oħra - diretti daqskemm indiretti - bħal ma huma per eżempju, l-osservazzjonijiet u konstatazzjonijiet fattwali li jkunu għamlu l-Pulizija fuq il-post tal-inċident, l-istqarrijiet bil-ġurament tagħhom dwar l-imġieba ta sewwieq ta vettura bil-mutur meta huma jkunu għamlu l-ewwel kuntatt miegħu – bħal per eżempju l-mod kif ikunu qegħdin jarawh iġib ruħu, kif ikun qiegħed jitkellem, ikunx f sensieh jew le, kif ikun qiegħed jimxi, jekk ikollux xi riħa ta alkoħol fuqu, kif kien qiegħed isuq, kif u fejn ikun waqaf bil-karozza, jekk ikunx involut f xi inċident, jekk iċ-ċirkostanzi jkunux juru li huwa jkun tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu, eċċetra.*

Huwa principju fundamentali tal-proċess penali li sabiex l-akkużat jigi misjub ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu, tali akkużi għandhom jigu pruvati **oltre kull dubju dettat mir-raguni.** Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Peter Ebejer,**[15] il-Qorti fakkret li l-grad ta 'prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta 'prova li ma jħalli ebda ombra ta 'dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, **dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-*buon sens* tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.**

[14] enfasi tal-Qorti.
[15] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta 'Dicembru 1997.

Magħdud dan kollu, din il-Qorti ma tistax serenament tgħid li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment, raġonevolment u serenement tqis li l-elementi kollha inisslu konvinciment morali f'moħħ il-ġudikant lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, li tistrieħ fuq dawk ir-riżultanzi sabiex issib ħtija fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, propju għaliex din tiddependi fuq il-prova preċiża u sikura lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni tal-livell tal-alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien iżjed mill-limitu preskritt. Dan ma jfissirx pero illi fl-assjem tal-provi miġjuba quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx xorta waħda tqis li l-appellant kien fi stat ta 'sokor meta seħħ dan l-inċident għall-fini tat-tielet imputazzjoni.

Dil-Qorti tqis li l-insenjament tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Marlon Montebello**[16] isib applikazzjoni fil-kawża in diżamina:

> *3. Qabel ma tghaddi biex tezamina l-aggravju ta l-Avukat Generali, din il-Qorti thossha fid-dover li ghandha tosserva b mod generali li ma hemmx necessarjament ness bejn ir-reat kontemplat fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 15A (l-ewwel imputazzjoni) u l-fatt li l-analizi tan-nifs (a differenza tat-test tan-nifs) ikun inkomplet jew ma jsirx. Kif din il-Qorti kellha okkazzjoni tosserva fis-sentenza taghha tat-2 ta Settembru, 1999 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Francis Pace****, biex jigi deciz jekk persuna kienitx qed issuq meta l-kapacita` taghha li ssuq sew [kienet] ghal xi hin imnaqqsa"1 minhabba xorb (jew drogi) bi ksur ta l-Artikolu 15A, wiehed jista jiehu in konsiderazzjoni provi ohra, cioe` apparti mir-risultat o meno ta l-analizi maghmula skond l-Artikolu 15E. Tali prova ohra tista tinkludi ilkomportament u l-kundizzjoni fizika tas-sewwieq, kif ukoll irrisulatat tat-test (preliminari) tan-nifs maghmul taht l-Artikolu 15C. Kwantu ghall-hekk imsejjha caution", din it-twissija (cioe` t-twissija li n-nuqqas jew rifjut li wiehed jaghti kampjun tan-nifs hu reat) hi mehtiega biss sabiex il-pulizija tkun tista tarresta lil minn hekk jonqos milli jaghti il-kampjun ghat-test tan-nifs (mhux ghall-analizi), u dan skond l-Artikolu 15D(b); ghall-finijiet tar-reat kontemplat fl-Artikolu 15E(4) ebda twissija ma hi mehtiega (ara Il-Pulizija v. Emanuel Camilleri, App.*

[16] Appell Kriminali Nru. 225/00, deċiża fid-9 ta 'Frar, 2001

*Krim., 30 ta April, 1999, u Il-Pulizija v. Anthony Cutajar, App. Krim., 2 ta Settembru, 1999)..*

L-istess tgħid il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Muscat**[17]**:**

> *"Fil-fehma tal-Qorti r-reat kontemplat f dana l-Artkolu 15A(1) huwa kompriz u involut f dak kontemplat flArtikolu 15B. Filwaqt li fil-kaz tal-Artikolu 15B ir-reat hu marbut ma livell partikolari ta alkohol fin-nifs, fid-demm jew fl-urina – fis-sens li appena jinqabez dak il-limitu hemm il-presunzjoni juris et de jure li dak li jkun ma kienx f kundzzjoni li jsuq minhabba x-xorb – fl-kaz tal-Artikolu 15A(1) il-legislatur ma ppreskriva ebda livell partikolari ta alkohol fis-sistema tas-sewwieq, b mod li anke b livell anqas minn dak preskritt" tista tinstab htija taht dana lartikolu jekk oggettivament ikun jirrizulta li s-sewwieq ma kienx f kundizzjoni li jsuq minhabba xorb (jew drogi). Fi kliem iehor, persuna li tkun akkuzata taht l-artikolu 15B tista ma tinstabx hatja taht dana l-artikolu izda minflok tinstab hatja taht l-Artkolu 15A(1).*[18]*"*

Għaldaqstant, l-ewwel aggravju tal-appellant qiegħed jiġi milqugħ, limitatament għas-sejbien ta' ħtija tiegħu fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, għalhekk sejra żżomm ferm is-sejbien ta' ħtija fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-oħra.

Illi għar-rigward tat-tieni aggravju huwa frivolu ghall-ahhar u din il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-istess ghar-raguni illi l-artikolu 360A tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi illi *"fi proċeduri sommarji għal reati li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali taħt l-artikolu 370(1) il-Pulizija tista', flimkien maċ-ċitazzjoni jew f'kull waqt li jiġi wara, tinnotifika lill-akkużat* ***kopji ta' kull affidavit*** *magħmul minn uffiċjal pubbliku jew minn impjegat jew uffiċjal ta' korp magħqud imwaqqaf b'liġi jew minn rappreżentant ta' xi intrapriża,"* Illi l-liġi fl-ebda ħin ma titlob illi l-akkużat għandu jkun notifikat fl-affidavit oriġinali li *del resto* jinsab fl-atti (fol2 u 4 rispettiv) wisq anqas ma

[17] Appell Kriminali Numru. 209/2003, deċiża fit-23 ta' April, 2004
[18] A propositu tad-differenza bejn l-Artikolu 15A u 15B ara wkoll Il-Pulizija v. Francis Pace App. Krim. 2/9/1999, u Il-Pulizija v. Marlon Montebello App. Krim. 9/2/2001.

tispeċifika illi l-kopji jridu jkunu awtentikati. Li kienet dak kien il-vot li riedet il-liġi il-leġiżlatur dan kien jispeċifikah (*ubi lex voluit lex dixit*).

Konsegwentement, din il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell in parti billi tħassar is-sentenza appellata f'dik il-parti tagħha fejn sabet lill-appellant ħati tar-raba' imputazzjoni u minflok issibu mhux ħati tar-raba' imputazzjoni u għaldaqstant tilliberah minn kull ħtija dwarha u fl-istess waqt tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament tagħha.

**(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera**
**Imhallef**